MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 874/2007

***Is-socjeta' Kosecp
(Distribution and Business Services)
Ltd. (C 31477)***

***Vs
Is-socjeta' "Arnold's Trading Ltd" (C 36752) u
s-socjeta' R.J.C. Caterers Ltd. u
b'digriet tas-17 ta' Gunju, 2008
Dr.Mark Busuttil gie nominat bhala kuratur***

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u disgha u sebghin Lira u erbghin centezmu (Lm679.40) u cioe' ekkwivalenti ghal elf hames mija u tnejn u tmenin Ewro u tmienja u ghoxrincentezmu (€1,582.28) , somma dovuta ghal bejgh u konsenja ta' xorb li sar mis-socjeta' attrici lis-

socjeta' "*Arnolds Trading Limited*," liema xorb gie sussegwentement assenjat u trasferit lis-socjeta' konvenuta l-ohra bil-kuntratt imsemmi.

Bl-ispejjez, inluz dawk tal-mandat tal-qbid kawtelatorju numru ***2682/2007*** tat-18 ta' Ottubru, 2007, kif ukoll bl-imghax skond il-ligi.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta *R.J.C. Caterers Ltd*., li ecceppiet illi preliminarjament, l-inkompetenza *ratione materiae* stante li t-talba attrici ma tistax tigi determinata mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

Illi, ukoll in linea preliminari, ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta' eccipjenti u s-socjeta' attrici.

Illi minghajr pregudizzju ghal premess, is-socjeta' eccipjenti ma kkonkludiet ebda kuntratt in mala fede u/jew b'intenzjoni li jigu defrawdati kwalunkwe kredituri tas-socjeta' konvenuta *Arnold's Trading Limited*.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' eccipjenti m'ghandha thallas xejn lis-socjeta' attrici.

Ra li b'digriet tas-17 ta' Jannar, 2008, Dr Mark Busuttil gie nominat bhala kuratur tas-socjeta' *Arnold's Trading Limited*.

Ra r-risposta tal-kuratur li eccepixxa li ma kienx edott mill-fatti u rrizerva d-dritt li jipprezenta risposta motivata f' stadju ulterjuri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta' Robert Spiteri, *delivery man* mas-socjeta' attrici u jikkonferma li kien ha xi xorb fil-hanut tas-socjeta' *Arnold's Trading Limited*, fin-Naxxar. Ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta kien iffirma ghal konsenja, pero' ma kienx hallas, meta l-prassi kienet li mal-konsenja jithallsu l-flus. Is-soltu l-klijenti jkollhom tletin (30) gurnata biex ihallsu, izda f'dan iz-zmien, iz-zmien kien ghadda u ma kienx hemm hlas. Jispjega li ma kienx

jaf li kien hemm proprjetarju gdid  ghal *Arnold's Trading Limited*.

Ra x-xhieda ta' Anthony Pisani, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici li jispjega li s-socjeta' *Arnolds Trading Limited* kienet tordna x-xoghol minghandhom, kif ukoll kienet tordna l-ilma minerali. Generalment kienu jordnaw bejn mija u hamsin lira Maltin (Lm150) u cioe' ekkwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41) jew tlett mitt lira Maltin (Lm300) u cioe' ekkwivalenti ghal sitt mija u tmienja u disghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€98.81) u kienu jaghmlu pagament fiz-zmien tletin (30) gurnata. Fil-kaz in kwistjoni l-bilanc kien ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) u cioe' ekkwivalenti ghal elf tlett mija u sebgha u disghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€1,397.62) u kienu skadew it-tletin (30) gurnata u kien cemplilhom rigward il-pagament.

Inzerta ukoll li kien ghaddej mill-inhawi f'Ta'l-Ibragg, fejn is-socjeta' konvenuta kellha wahda mill-hwienet. Il-bejgh kien sar mis-socjeta' *Arnolds Trading Limited*. Mis-*'salesgirl'* sar jaf, li s-sid kien inbidel u issa kien hemm certu Sur Buttigieg. Kien ipprova jikkomunika ma' dan Buttgieg u meta irnexxielu, dan Buttigieg kien qallu li kien qed jiggestixxi t-tlett hwienet, kif ukoll kien ha l-i*stock*, izda ma kienx assuma d-dejn li kellha s-socjeta' konvenuta *Arnolds Trading Limited*. Qatt ma urih xi ftehim f'dan is-sens.

Ix-xhud jispjega illi kien induna li fil-hanut f'Ta' l-Ibragg, kien ghad hemm '*stock'* li kien xtara s-sid ta'  qabel u dan peress li f'dak iz-zmien is-socjeta' attrici kienet timporta xorb tal-litru bhal *Tia Maria u Bacard*i. Buttigieg baqa' jinsisti li ma kienx assuma d-dejn u ghalhekk ma kienx ser ihallas.

Buttigieg kien proprjetarju tas-socjeta' *RJC Caterers Ltd*. Mill-prospett li esebiet is-socjeta' konvenuta, in kwantu jirrigwarda l-i*stock*, ix-xhud seta' jiddentifika liema kien l-*istock* li kien biegh lis-socjeta' *Arnolds Trading Limited* u dan wara li kien jqabbilhom mal-invoices li kellu. Jikkonferma li kien baqa' ma thallasx. Ighid li seta'

jiddentifika l-*istock,* ghaliex kien l-uniku importatur tax-xorb tad-daqs in kwistjoni cioe' tal-litru.

Ra x-xhieda ta' John Buttigieg, *Managing Director* tas-socjeta' *RJC Caterers Limited*, li hija sussidjarja tas-socjeta' *Buttigieg Holdings Limited*.

Ighid li s-socjeta' konvenuta kienet akkwistat il-lokazzjoni minghand *Arnold's Trading Limited* u kienu hallsu direttament lil *Stivala Co.Ltd*. peress li kien hemm ftehim mas-socjeta' *Arnolds Trading Limited.*

Meta akkwistaw, il-ftehim kien li jixtru l-istock kollu li kien hemm u kienu hallsu lis-socjeta' *Arnolds Trading Limited* u kienu taht l-impressjoni li l-istock li xtraw kien kollu ta' l-istess socjeta'.

Ra x-xhieda ta' Nathalie Vella, li bejn il-perjodu 2004 sa' 2007, tghid li kienet impjegata mas-socjeta attrici u kienet tiehu hsieb li tiehu l-ordnijiet tax-xorb, birra u xorb iehor, kif ukoll kienet tiehu hsieb li tigbor il-flus wara li tkun saret il-konsenja.

Tikkonferma li s-socjeta' konvenuta *Arnolds Trading Limited*, kienet klijenta taghhom u kienet tordna x-xorb, imbaghad fuq istruzzjonijiet tas-sid Mario Scerri, kien jikkonsenjaw ix-xoghol f'wiehed mill-hwienet, je fil-hwienet kollha.

Tghid li lil dina s-socjeta' kienu jtuha nifs ta' tlettin gurnata biex thallas, izda fuq il-kaz in kwistjoni kien ghad hemm kont pendenti u kien ghalhekk li pprovat jikkomunika ma' Mario Scerri fuq il-*mobile*, izda dan kien dejjem mitfi u mbaghad sar jaf li l-linja tieghu ma kienitx aktar tintuza. Tghid li anke marret l-hanut u sabithu maghluq.

Saret taf minghand wahda mis-*salesgirls* li kien hemm fil-hanut, li l-konvenut kien harab u hadd ma kien jaf fejn kien qieghed u lanqas ma kien hallas lill-impjegati. Dak iz-zmien l-hanut kien qed jigi gestit minn socjeta' ohra.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Dina l-kawza nfethet kontra z-zewg socjetajiet konvenuti u dan ghaliex is-socjeta’ attrici qiedgha titlob li tithallas lura ghax-xorb li bieghet lis-socjeta’ *Arnold’s Trading Limited*. Qed titlob ukoll jekk ikun il-kaz, li peress li saret assenjazzjoni u trasferiment ta’ dan ix-xorb, il-hlas ghandu jsir mis-socjeta’ *R.J.C Caterers Limited*.

Is-socjeta’ *R.J.C Caterers Limited* qajjmet l-eccezzjoni preliminari ta’ l-inkompetenza *rationae materiae* ta’ dan it-Tribunal.

Mill-provi prodotti, is-socjeta’ *Arnold’s Trading Limited* kienet tixtri x–xorb minghand is-socjeta’ attrici u kienet tixtri *stock* ghal diversi hwienet. Jidher li ma kienx hemm problemi ta’ hlas inizjalment, izda f’hin jew minnhom, il-pagamenti waqqfu u Anthony Pisani, direttur tas-socjeta’ attrici, kien mar personalment gol-hanut tas-socjeta’ *Arnold’s Trading Limited*, f’Tal-Ibragg, sabiex jipprova jithallas ta’ l-*istock* li kien biegh lil istess socjeta’ u li fuqu kien ghad hemm bilanc.

Minn hawn kien sar jaf, li s-socjeta’ *Arnold’s Trading Ltd* ma kienitx ghada tiggestixxi dawn il-hwienet, izda s-sid il-gdid kienet is-socjeta’ *R.J.C Caterers Ltd*. Dina s-socjeta’ ta’ l-ahhar tinsisti li kienet xtrat l-istock minghand is-socjeta’ konvenuta l-ohra, pero’ fl-ebda hin ma kienet assumiet id-dejn ta’l-istess socjeta’.

Is-socjeta’ *Arnold’s Trading Ltd*. tinsisti li kienet saret assenjazzjoni ta’ debitu minhabba li kien hemm ftehim li gie ffirmat bejn il-partijiet fis-6 ta’ Ottubru, 2007.

Kien in vista ta’ dan li s-socjeta’ *R.J.C. Caterers Ltd.* baqqghet tinsisti fuq l-eccezzjoni preliminari taghha.

“Huwa bil-wisq pacifiku illu mhuwiex l-att promotur wahdu li jistabilixxi l-parametri li fihom it-Tribunal jezercita l-gurisdizzjoni tieghu u li allura jiddetermina l-kompetenza tieghu…..Dan premess, irid jigi sottolinejat ukoll illi l-

kompetenza ma tigix meqjusa biss mill-punto di vista tat-talba izda ukoll tal-eccezzjoni.

Issa huwa minnu illi konsiderata l-materja mill-ottika tat-talba din kienet wahda ghall-hlas ta’ ammont ta’ flus sic et sempliciter, kif hekk ghogbu jikkwalifikaha l-istess Tribunal. Din it-talba pero’ ma setghetx tigi kontemplata izolatament mill-eccezzjoni. Eccezzjoni li minn natura taghha tigi investita, kif hekk kien mistenni li jsir, kienet tirrikjedi investigazzjoni ta’ aspetti li certament ma jistghax jinghad, imbaghad, li kienu jaqghu fil-kompetenza tat-Tribunal in kwantu t-Tribunal jigi b’hekk u ghal din ir-raguni ezawtorat “ope exceptionis.”

Hu difatti pacifikament akkolt illi “l-kompetenza ma tiddependiex bilfors u unikament mit-talba tal-attur imma tista’ tiddependi ukoll, fjn ikun il-kaz, mill-eccezzjoni tal-konveut.” (**Oscar Busuttil vs Giuseppe Camilleri noe. PA 2.06.1952).**

Jista’ kun ghalhekk illi l-azzjoni ghalkemm inizzjalment tkun ta’ kompetenza tat-Tribunal, din ma tibqax hekk meta vizwalizzata mill-perspettiva ta’ l-eccezzjoni. Ara fl-istess sens sentenza fl-ismijiet **Anthony Zammit –vs- Joseph Ellul noe.,” Appell, Sede Inferjuri, 31 ta’ Lulju, 1996** u dik riportata a **Vol. L p.II p364**.

Dan jista’ jigri billi t-Tribunal necessarjament jigi, bhala konsegwenza tal-eccezzjoni u bhala parti mill-process, mitlub biex jiggudika t-talba quddiemu fuq konsiderazzjonijiet li mill-indoli taghhom jeccedu l-kompetenza tieghu……” **Marika Caruana –vs- Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja (Appell Inferjuri, 23 ta’ Jannar, 2004).**

Huwa minnu li dan it-Tribunal  huwa kompetenti sabiex jiddetermina jekk is-somma ta’ sitt mija u disgha u sebghin lira u erbghin centezmu centezmu (Lm679.40) u cioe’ ekkwivalenti ghal elf hames mija u tnejn u tmenin Ewro u tmienja u ghoxrincentezmu (€1,582.28), hijiex dovuta ghal bejgh u konsenja ta’ xorb. Izda sabiex tiddetermina dina t-talba, fic-cirkostanzi, it-Tribunal irid ukoll jiddetermina jekk

saritx assenjazzjoni tad-debitu bejn is-socjetajiet konvenuti u dan per se, jezorbita mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal. It-Tribunal jista' jikkonkludi li kien hemm debitu fil-konfront tas-socjeta' attrici, izda peress li bejn is-socjetajiet konvenuti ma jidhirx li hemm qbil jekk kienx hemm assenjazzjoni tad-debitu jew le, it-Tribunal ma jistghax jipprocedi biex jiddeciedi it-talba attrici peress li l-kwistjoni tal-assenjazzjoni tad-debitu tezorbita mill-kompetenza tieghi.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta' *R.J.C Caterers Ltd*, u konsegwentement jiddikjara ruhu inkomptetenti *ratione materie* biex jiehu konjizzjoni u jiddeciedi fuq is-sorte. Stante ic-cirkostanzi, l-ispejjez relativi ghall eccezzjoni milqugha jigu divizi bejn il-partijiet terz kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------